Nru./No. 19,341
Prezz/Price
€3.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru, 2014
Friday, 7th November, 2014

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,869 - 12,879
Government Notices ..... *12,869 - 12,879*

Avviż tal-Pulizija ..... 12,879 - 12,880
Police Notice ..... *12,879 - 12,880*

Avviż lill-Baħħara ..... 12,880 - 12,881
Notice to Mariners ..... *12,880 - 12,881*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 12,881 - 12,890
Employment Opportunities ..... *12,881 - 12,890*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,890 - 12,892
Notices ..... *12,890 - 12,892*

Offerti ..... 12,892 - 12,926
Tenders ..... *12,892 - 12,926*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,926 - 12,936
Court Notices ..... *12,926 - 12,936*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1130

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 71 imsejjaħ Att tal-2014 dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet.

Is-7 ta' Novembru, 2014

Nru. 1131

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

SKONT l-Artikolu 35 (2) tal-Att dwar l-Ambjent u Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru approva l-ħatra tal-persuni li ġejjin biex iservu fil-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għal perijodu ta' erba' snin b'seħħ mill-5 ta' Novembru, 2014.

Chairpersons
Il-Perit Elizabeth Ellul
Is-Sur Martin Camilleri

Membri
Il-Perit Simon Saliba
Dr Charles Grech
Il-Perit Mariello Spiteri
Il-Perit Anna Maria Montalto
Il-Perit Aaron Abela
Il-Perit Anthony Camilleri

It-3 ta' Novembru, 2014

Nru. 1132

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ), reġa' daħal għal dmirijietu nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, 2014, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1114 tal-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, 2014, huma b'din imħassrin.

Is-7 ta' Novembru, 2014

GOVERNMENT NOTICES

No. 1130

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 71 entitled the Laws (Amendment and Repeal) Act, 2014.

7th November, 2014

No. 1131

ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

Environment and Planning Commission

IN terms of Article 35 (2) of the Environment and Development Planning Act, the Prime Minister has approved the appointment of the following persons to serve on the Environment and Planning Commission at the Malta Environment and Planning Authority for a period of four years with effect from 5th November, 2014.

Chairpersons
Arch. Elizabeth Ellul
Mr Martin Camilleri

Members
Arch. Simon Saliba
Dr Charles Grech
Arch. Mariello Spiteri
Arch. Anna Maria Montalto
Arch. Aaron Abela
Arch. Anthony Camilleri

3rd November, 2014

No. 1132

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on Friday, 31st October, 2014, and the arrangements referred to in Government Notice No. 1114 of Friday, 31st October, 2014, are hereby being repealed.

7th November, 2014

Nru. 1133

ĦATRA TA' AĠENT
ACCOUNTANT GENERAL

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatriet temporanji li ġejjin:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Michael Zammit Munrò	*Accountant General* *Accountant General*	Teżor *Treasury*	12-14.11.14 17-18.11.14
Mr Albert Zahra	*Accountant General* *Accountant General*	Teżor *Treasury*	19-21.11.14

Is-7 ta' Novembru, 2014

No. 1133

APPOINTMENT OF ACTING
ACCOUNTANT GENERAL

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointments:–

7th November, 2014

Nru. 1134

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (NSO)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Joe Bonello	Direttur Ġenerali *Director General*	NSO *NSO*	with effect from 5.11.2014

Is-7 ta' Novembru, 2014

No. 1134

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (NSO)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:–

7th November, 2014

Nru. 1135

SEGRETARJU EŻEKUTTIV
TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali b'seħħ mill-31 ta' Ottubru, 2014:

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Ħal Tarxien	Antonella Galea

Is-7 ta' Novembru, 2014

No. 1135

LOCAL COUNCIL
EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from the 31st October, 2014:

Local Council	*Executive Secretary*
Ħal Tarxien	Antonella Galea

7th November, 2014

Nru. 1136

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV
TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Aġent Segretarju

No. 1136

ACTING LOCAL COUNCIL
EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive

Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali b'seħħ mill-31 ta' Ottubru, 2014:

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
Ta' Xbiex	Matthew Dimech

Is-7 ta' Novembru, 2014

Nru. 1137

AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA

Triq Patri Wistin Born, Marsaskala
N/S in Triq L-Imsida, Santa Venera
N/S in Triq Ninu Cremona/Triq Ninu Cremona, Paola
Triq L-Ibjar/Triq L-Arkati, Paola
Sqaq fi Triq Namura/Triq Palazz, Il-Baħrija, Ir-Rabat
Triq il-Ġiebja, Is-Swieqi
Triq l-Intornjatur, L-Imrieħel

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu erbatax (14) tal-Avviż Legali Nru. 39 tal-2010, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tgħarraf bl-intenzjoni tagħha li tlesti l-formazzjoni ta':

Parti minn Triq Patri Wistin Born, Marsaskala (indikata fuq il-pjanta f'paġna 12,872);

Triq ġdida fi Triq l-Imsida, Santa Venera (indikata fuq il-pjanta f'paġna 12,873);

Parti minn u triq ġdida fi Triq Ninu Cremona, Paola (indikata fuq il-pjanta f'paġna 12,874);

Triq l-Ibjar u parti minn Triq l-Arkati, Paola (indikata fuq il-pjanta f'paġna 12,875);

Parti minn sqaq fi Triq Namura u parti minn Triq Palazz, Il-Baħrija, Ir-Rabat (indikata fuq il-pjanta f'paġna 12,876);

Parti minn Triq il-Ġiebja, Swieqi (indikata fuq il-pjanta f'paġna 12,877);

Parti minn Triq l-Intornjatur, L-Imrieħel (indikata fuq il-pjanta f'paġna 12,878);

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma dawn it-toroq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax (15)-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jifformaw it-toroq.

Is-7 ta' Novembru, 2014

Secretary of that Local Council with effect from the 31st October, 2014:

Local Council	*Acting Executive Secretary*
Ta' Xbiex	Matthew Dimech

7th November, 2014

No. 1137

AUTHORITY FOR TRANSPORT IN MALTA

Triq Patri Wistin Born, Marsaskala
N/S in Triq L-Imsida, Santa Venera
N/S in Triq Ninu Cremona/Triq Ninu Cremona, Paola
Triq L-Ibjar/Triq L-Arkati, Paola
Sqaq fi Triq Namura/Triq Palazz, Baħrija, Rabat
Triq il-Ġiebja, Swieqi
Triq l-Intornjatur, L-Imrieħel

IN virtue of Article fourteen (14) of Legal Notice No. 39 of 2010, the Authority for Transport in Malta hereby notifies officially of its intention to complete the formation of:

Part of Triq Patri Wistin Born, Marsaskala (indicated on the site plan on page 12,872);

New street in Triq l-Imsida, Santa Venera (indicated on the site plan on page 12,873);

Part of and new street in Triq Ninu Cremona, Paola (indicated on the site plan on page 12,874);

Triq l-Ibjar and part of Triq l-Arkati, Paola (indicated on the site plan on page 12,875);


Part of an alley in Triq Namura and part of Triq Palazz, Baħrija, Rabat (indicated on the site plan on page 12,876);


Part of Triq il-Ġiebja, Swieqi (indicated on the site plan on page 12,877);


Part of Triq l-Intornjatur, Mrieħel (indicated on the site plan on page 12,878);

Any person who is obliged by law to form said roads (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Authority for Transport in Malta shall itself proceed with the formation of these roads in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the roads.


7th November, 2014


TRIQ IL-MIKLEM MALTI
R. WISTIN BORN
IL-HUT
TRIQ IX-XNEJM ABJAD
25
Ix-Xmrija
TRIQ L-IMRIEKEB
TRIQ IS-SIBBIEN
Ta'-Nadur
22.9
SITE
24.8
8.5
TRIQ TA' GIDWI
TRIQ IL-MUNXAR
18.6
TRIQ IL-MARSEL
5.8
11.6
Transport Malta
Roads & Infrastructure Directorate
CHIEF OFFICER
S.GRIMA
ARCHITECT
A.C.
CHECKED BY
N.G.
DRAWN BY
D.M.
PROJECT TITLE:
MARSASCALA
DRAWING TITLE:
P.O. TRIQ PATRI WISTIN BORN
SITE PLAN
DATE: October 2014
FILE No: RD499/14
DRAWING No: RD317/14/a
SHEET SIZE: A4
SCALE: 1 : 2500
REVISION: A
SHEET No: 3


SITE
Transport Malta
Roads & Infrastructure Directorate
CHIEF OFFICER
ARCHITECT
N.G.
CHECKED BY
DRAWN BY
M.B.
PROJECT TITLE :
STA. VENERA
DRAWING TITLE :
N/S in TRIQ L-IMSIDA
SITE PLAN
DATE :
July 2014
FILE No :
RD 496 / 11
DRAWING No :
RD/94/14/a
SHEET SIZE
A4
SCALE :
1 : 2500
REVISION :
SHEET No :
12
PROJECT No. :


SITE
TRIQ NINU CREMONA
TRIQ IL-GOZA NINU CREMONA
TRIQ L-ARKATA
VJal Santa Lucija
tm
Transport Malta
Roads & Infrastructure Directorate
CHIEF OFFICER
S.GRIMA
ARCHITECT
A.CONTI
CHECKED BY
C.BONNICI
DRAWN BY
D.MICALLEF
PROJECT TITLE:
PAOLA
Site Plan
Triq Ninu Cremona
DATE :
26th August 2014
FILE No :
RD 480/13
DRAWING No :
RD116/14/a
SHEET SIZE
A4
SCALE :
1 : 2500
REVISION :
A
SHEET No :
4


TRIQ NINU CREMONA
TRIQ IL-GOLA NINU CREMONA
TRIQ L-ARKATA
SITE
tm
Transport Malta
Roads & Infrastructure Directorate
CHIEF OFFICER
S.GRIMA
ARCHITECT
A.CONTI
CHECKED BY
C.BONNICI
DRAWN BY
D.MICALLEF
PROJECT TITLE:
PAOLA
DRAWING TITLE:
Site Plan
Triq L-Ejar
DATE :
26th August 2014
FILE No :
RD 480 / 13
DRAWING No :
RD/118/14/a
SHEET SIZE
A4
SCALE :
1 : 2500
REVISION:
A
SHEET No:
5
PROJECT No.:
TITLE



Transport Malta
Roads & Infrastructure Directorate

CHIEF OFFICER	S.GRIMA	PROJECT TITLE:	RABAT, MALTA (BAĦRIJA)		
ARCHITECT	A.C.	DRAWING TITLE:	TRIQ IL-PALAZZ SITE PLAN		
CHECKED BY	J.B.	DATE: 23 July 2014	FILE No: RD 194 / 14	DRAWING No: RD/103/14/a	
DRAWN BY	D.M.	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1 : 2500	REVISION: A	SHEET No: 2

PROJECT No.: -

P:\Design\Common Areas\Traffic Management\2014\Rabat M\2014 Rabat M.DWG



Transport Malta Roads & Infrastructure Directorate	CHIEF OFFICER: S.GRIMA	PROJECT TITLE: IS-SWIEQI	
	ARCHITECT: A.C.	DRAWING TITLE: PART OF TRIQ IL-GIEBJA SITE PLAN	
PROJECT No.: -	CHECKED BY: N.G.	DATE: September 2014	FILE No.: RD426/14 — DRAWING No.: RD/298/14/a
P:\Design\Common Area\Traffic Management\2014\Swieqi\2014 Swieqi.dwg	DRAWN BY: M.B.	SHEET SIZE: A4 — SCALE: 1 : 2500 — REVISION: A — SHEET No.: 6	



Transport Malta
Roads & Infrastructure Directorate

J					
I					
H					
G					
F					
E					
D					
C					
B					
A	*				
Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

PROJECT No. :

M:\Common\Clappara Godfrey\Different Sites (Lorraine) Batch 7\Mriehel.dwg

CHIEF OFFICER: SIMON GRIMA

ARCHITECT: LORRAINE CASSAR

CHECKED BY

DRAWN BY: M.B.

PROJECT TITLE : MRIEHEL

DRAWING TITLE : TRIQ L-INTORNJATUR SITE PLAN

DATE : 4th November 2014

FILE No : RD 310 / 12

DRAWING No : RD341/14/

SHEET SIZE : A4

SCALE : 1 : 2500

REVISION :

SHEET No : 28

Nru. 1138

RILAXX TA' ART

Emenda

NGĦARRFU b'din illi, b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 854 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Awwissu, 2014, ii-titlu tal-istess Notifikazzjoni kellu jkun 'Rilaxx ta' Art'.

Is-7 ta' Novembru, 2014

No. 1138

RELEASE OF LAND

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice 854 published in Government Gazette dated 22nd August, 2014, the title in the same Notice should read 'Release of Land'

7th November, 2014

Nru. 1139

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 1139

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
7.11.2014	€29.777	€0.422

Is-7 ta' Novembru, 2014

7th November, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 148

Bis-sahha tal-Artikolu 52 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap.65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Qala, Għawdex

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Diċembru, 2014, mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m. minn Pjazza San Kerrew, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Santa Marija Tal-Qala u Triq Tas-Salib.

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Diċembru, 2014, mill-4.00 a.m. sat-8.00 p.m. minn Pjazza San Kerrew, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Santa Marija Tal-Qala u Triq Tas-Salib.

Ħadd ma jista' jipparkja vetturi fit-toroq imsemmija hawn fuq u dawk misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Novembru, 2014

POLICE NOTICE

No. 148

In virtue of Article 52 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Qala, Gozo

On Sunday, 7th December, 2014, from 3.00 p.m. till 7.00 p.m. through Pjazza San Kerrew, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Santa Marija Tal-Qala and Triq Tas-Salib.

On Monday, 8th December, 2014, from 4.00 a.m. till 8.00 p.m. through Pjazza San Kerrew, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Santa Marija Tal-Qala and Triq Tas-Salib.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

7th November, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Tneħħija ta' Vetturi Abbandunati/ ta' Ingombru

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf lill-pubbliku li l-vetturi msemmija hawn taħt inġabru għall-finijiet tal-Artikolu 7 (1) u (2), Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti tal-Ingombru).

Dawn il-vetturi hawn fuq indikati jinsabu fil-bitħa tal-garaxx tal-Pulizija fil-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana. Tel: 2122 4001

Aktar informazzjoni tinkiseb mill-Kwartieri Generali tal-Pulzija, Sezzjoni A. L. E, u MT Garage, Il-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana.

Numru tal-pjanċa *Number plate*	Ditta *Make*	Kulur *Colour*	Post fejn tinsab *Location*	Nru. tal-*file* *File no.*
CRL 100			MT. Garage	P1828/81 Vol. 2
Foreign Number Plate	Volvo		MT. Garage	P1828/81 Vol. 2

Is-7 ta' Novembru, 2014

POLICE NOTICE

Impound Vehicles as being Status of Derelict/Encumbranceices

The Commissioner of Police notifies that the general public that the following vehicles have been removed by virtue of Article 7 (1) and (2), of Subsidiary Legislation 65.13 (Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations).

All of the above mentioned vehicles are being kept at the Police Garage, in Notre Dame Ditch, Floriana. Tel: 2122 4001

Further information can be obtained from the Police General Headquarters, A. L. E, and MT Garage Sections, Notre Dame Ditch, Floriana

7th November, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 32 tal-2014

Taħriġ ta' Sparar Attiv fir-Ranges ta' Pembroke - Novembru 2014

Id-Direttorat għall-Portijiet u l-*Yachting*, Transport Malta, jgħarraf li b'żieda mal-Avviż lill-Baħħara Nru. 3 tal-2013, il-Forzi Armati ta' Malta se jagħmlu Taħriġ ta' Sparar Attiv fis-Sibtijiet li ġejjin fir-*Ranges* ta' Pembroke, bejn is-7.00 a.m. u l-5.00 p.m. ħin lokali:

1) Is-Sibt 8 ta' Novembru 2014
2) Is-Sibt 22 ta' Novembru 2014
3) Is-Sibt 29 ta' Novembru 2014

L-inħawi tat-taħriġ huma delineati bis-settur ABC.

Minn Pożizzjoni A

	Latitude (T)	*Longitude (L)*
A	35º 55'.54	14º 28'.32 (Punt taċ-Ċentru fuq l-art),

raġġ ta' erba' mili nawtiċi fuq punti

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 32 of 2014

Firing Practice at Pembroke Ranges - November 2014

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that further to Notice to Mariners No 3 of 2013, the Armed Forces of Malta will carry out Live Firing Practice on the following Saturdays at the Pembroke Ranges, between 7.00 a.m. and 5.00 p.m. local time:

1) Saturday 8th November 2014
2) Saturday 22nd November 2014
3) Saturday 29th November 2014

The exercise area is delineated by sector ABC.

From Position A

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35º 55'.54	14º 28'.32 (Centre point on land),

a radius of 4 Nautical miles to points

	Latitude (T)	*Longitude (L)*
B	35º 59'.46	14º 27'.15 u
C	35º 58'.29	14º 32'.19

Waqt it-taħriġ ta' sparar attiv se jittajru bnadar ħomor (daqs approssimattiv 2.5m x 2m) mit-truf tax-xatt. Il-baħħara huma mwissija biex iżommu tal-anqas 4 mili nawtiċi 'l bogħod meta jilmħu dawn il-bnadar

B'żieda ma' dan, il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS)

Charts affettwati BA 2538, 2537, 194.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM

Is-7 ta' Novembru, 2014

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' Kap ta' *Resource Centre*
fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi
fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol
biex iservi f'Malta

(Approvazzjoni skont il-capacity building
datata 21 ta' Awwissu 2013)

''Skont klawsola 3.1 (I) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil."

1.0 Ġenerali

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet mingħand edukaturi eliġibbli u kkwalifikati, li għandhom is-servizz u l-esperjenza mitluba fi skola liċenzjata, għall-post ta' Kap ta' *Resource Centre* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) biex iservi f'Malta.

1.2 Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzjoni u awtonomija.

1.3 Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta) li jidher fis-sit elettroniku (http://education.gov.mt/en/resources/Pages/Legislation.aspx).

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
B	35º 59'.46	14º 27'.15 and
C	35º 58'.29	14º 32'.19

During the live firing practice, red flags (approximate size 2.5m x 2m) will be flown from the shore limits. Mariners are warned to keep as a minimum 4 Nautical miles off the coast when the flags are sighted.

Moreover, they must obey instructions Valletta Port Control (VTS)

Charts affected BA 2538, 2537, 194.

Positions referred to WGS 84 DATUM

7th November, 2014

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Head of Resource Centre
in the Directorate for Educational Services
within the Ministry for Education and Employment
to Serve in Malta

(Capacity building approval
dated 21st August 2013)

In accordance with clause 3.1(I) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

1.0 General

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment, invites applications from qualified eligible educators with the requested service and experience in a licensed school for the post of Head of Resource Centre in the Directorate for Educational Services (DES) within the Ministry for Education and Employment (MEDE) to serve in Malta.

1.2 The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

1.3 The functions of the DES are established by the Education Act (Cap. 327 of the Laws of Malta) which may be consulted on: (http://education.gov.mt/en/resources/Pages/Legislation.aspx).

2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Kap ta' *Resource Centre* huwa ta' Skala ta' Salarju 6, li fl-2014 huwa ta' €22,268.02 fis-sena, li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €25,846.00.

2.2 Il-post ta' Kap ta' *Resource Centre* jagħmel parti mit-tim nazzjonali tal-edukazzjoni li jirrikjedi l-ħila li jimplimenta mentalità maniġerjali ta' tmexxija.

2.3 Il-persuna magħżula bħala Kap ta' *Resource Centre* tirċievi *Allowance* inklussiva fis-sena applikabbli għall-Immaniġġar Edukattiv, li tirrifletti l-*weighting* tal-popolazzjoni tal-iskola, u biex tkopri aktar dmirijiet, aktar attendenza inkluż d-dmirijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kunsilli tal-iskola, u spejjeż oħra li jinkludu parti rimunerazzjoni għall-ispejjeż tat-telefon, kif stipulat fil-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-MUT iffirmat fit-23 ta' Awwissu 2010.

2.4 Il-ħatra fil-grad ta' Kap ta' *Resource Centre*, li hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena, hija fuq bażi *full-time* u soġġetta għar-regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta in ġenerali, u d-DSE in partikolari, u li tinvolvi l-possibbiltà ta' trasferiment skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.5 Sakemm mhux ordnat xort'oħra mill-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni, persuna fil-grad ta' Kap ta' *Resource Centre* għandha sservi fl-iskola assenjata lilha għal ta' lanqas ħames (5) snin skolastiċi. Din il-persuna tista' tiġi *deployed* bħala Kap ta' Skola kemm-il darba tkun fil-pussess, jew ikollha l-approvazzjoni għall-għoti, ta' *Diploma in Educational Leadership, Administration, and Management*, jew ogħla, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli, maħruġa minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti.

3.0 Għanijiet u Dmirijiet

3.1 L-għanijiet ġenerali ta' persuna fil-ħatra ta' Kap ta' *Resource Centre* huma:

Provvediment ta' tmexxija professjonali u assigurazzjoni fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-kurrikulu minimu nazzjonali;

Assigurazzjoni tal-impenn sħiħ, ta' skola sħiħa, għall-filosofija kurrikulari, valuri u oġġettivi permezz ta' tim skolastiku effettiv, ta' komunikazzjoni u ta' atitudni kollaborattiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

Tmexxija 'l quddiem tal-edukazzjoni ħolistika ta' kull student fl-iskola;

Organizzazzjoni, immaniġġar u kontroll b'mod effiċjenti u effettiv tar-riżorsi umani, fiżiċi u finanzjarji tal-iskola;

2.0 Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Head of Resource Centre is that of Salary Scale 6, which in 2014 is €22,268.02 per annum, rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €25,846.00.

2.2 The post of Head of Resouce Centre belongs to the ranks of the national education team which implies the adoption of a high management mindset and approach.

2.3 A Head of Resource Centre shall receive an all inclusive applicable Education Management Allowance per annum to reflect school population weighting and to cover extra duties, extra attendances, including all duties connected with school councils, and expenses including part remuneration for telephone expenses as stipulated in the agreement between the Government of Malta and the MUT signed on 23rd August 2010.

2.4 The appointment to the grade of Head of Resource Centre, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the DES in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

2.5 Unless otherwise directed by the DES, a Head of Resource Centre shall be required to serve in the assigned Resource Centre for at least five (5) scholastic years. Such a Head of Resource Centre may be deployed as a Head of School provided that s/he is in possession, or has been approved for the award, of a Diploma in Education Leadership, Administration, and Management, or higher, or a recognized appropriate comparable qualification issued by an institution of higher education duly recognized by the competent authorities.

3.0 Purpose and Duties

3.1 The overall purpose of the post of Head of Resource Centre is:

To provide professional leadership and to ensure the implementation and the development of the National Curriculum Framework;

To secure whole-school commitment to the curricular philosophy, values and objectives through the effective school team building, communication and collaborative approach to decision-making;

To promote and further the holistic education of each student in the school;

To organise, manage and control efficiently and effectively the human, physical and financial resources of the school;

Parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Kunsill tal-Kulleġġ u kollaborazzjoni ma' Kapijiet oħra b'mod li jilħaq l-ogħla livell ta' *networking* taħt it-tmexxija tal-Prinċipal tal-Kulleġġ u skont id-direzzjoni u l-linji gwida stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti;

Parteċipazzjoni fit-tfassil, il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti li jagħmlu użu mill-fondi tal-Unjoni Ewropea għal sħubija ma' skejjel Ewropej.

3.2 Id-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-ħatra ta' Kap ta' *Resource Centre* huma li:

Jissawru, b'kollaborazzjoni mat-tim skolastiku, l-għanijiet tal-iskola, l-objettivi u *policies* konformi mal-Att dwar l-Edukazzjoni, avviżi legali relatati, id-direttivi u r-regolamenti tal-Awtoritajiet Edukattivi u li jitmexxa t-tim tal-iskola kif xieraq;

Bini ta' tim parteċipattiv u ta' proċess kolleġġjali li jwassal għat-tiswir u reviżjoni kontinwa tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Iskola;

Jinbena u jinżamm mezz effettiv u miftuħ ta' komunikazzjoni fi ħdan il-komunità skolastika, ma' skejjel oħra fl-istess Kulleġġ, mal-Bord u l-amministrazzjoni tal-Kulleġġ, mal-uffiċjali tad-Direttorat għal Kwalità u *Standards* Edukattivi (DKSE) u d-DES, kif ukoll il-komunità tal-lokal u aġenziji oħra esterni;

Jitmexxa l-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-kordinazzjoni ta' inizjattivi u attivitajiet mal-kurrikulu u attivitajiet oħrajn matul is-sena flimkien ma' doveri oħra konnessi mal-Kunsill tal-Iskola skont il-liġijiet li jkunu fis-seħħ;

Jinżamm aġġornat servizz ta' żvilupp professjonali kontinwu fil-qasam edukattiv u ta' tmexxija amministrattiva u ta' *management* u jitrawwem il-rwol ta' *mentor*;

Tiġi żgurata l-ordni u d-dixxiplina, tingħata l-għajnuna fis-soluzzjoni ta' konflitti, u titmexxa 'l quddiem ir-relazzjoni sana bejn l-istudenti, l-i*staff* u l-ġenituri;

Tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' proċeduri stabbiliti ta' dixxiplina;

Tiġi żgurata li l-parteċipanti fin-*networks* jikkomunikaw bla formalità żejda iżda b'mod strutturat;

Jiġi żgurat li l-*policies* kollha jiġu fis-seħħ b'mod effettiv;

Tiġi żgurata s-sistema ta' kura effettiva pastorali għall-istudent;

Jiġi żgurat li t-Tim ta' Tmexxija jkun regolarment assenjat oqsma ta' ffukar għall-aħjar implimentazzjoni tal-*policies* tal-iskola u l-pjan ta' żvilupp;

Issir superviżjoni tal-kwalità akkademika u pedagoġika tat-tagħlim;

It-twettiq ta' dmirijiet oħra li jistgħu jitqiesu xierqa mid-Direttorati tal-Edukazzjoni;

It-twettiq ta' dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

To participate in the meetings of the College Council of Heads and to collaborate with other Heads of School/ Resource Centre in a manner that maximises networking under the leadership of the College Principal and according to the direction and guidelines established by the competent authorities;

To participate in the design, formulation and implementation of projects that tap EU funding and establish partnerships with other schools in Europe.

3.2 The main duties and responsibilities of the post of Head of Resource Centre are:

To formulate, in a collaborative manner with the school team the school aims, objectives and policies in conformity with the Education Act and related legal notices and the directives and regulations of the Education Authorities and to lead the school team accordingly;

To facilitate a participatory team building and collegial process leading to the formulation and on-going review of the School Development Plan;

To build and maintain an effective and open channel of communication within the school community, with other schools in the College, with the College Board and its administration, with officials of the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE) and the DES, the local community and other external agencies;

To direct the planning, organisation and co-ordination of curricular and other related initiatives and activities throughout the year and performing duties connected with the School Council in accordance with current legislation;

To keep abreast with on-going professional development in educational and administrative leadership and management and nurture the role of mentors;

To ensure order and discipline, help to resolve conflicts, and promote healthy relationships between students, staff and parents/guardians;

To ensure the timely implementation of established disciplinary procedures;

To ensure that network participants can communicate in an informal but well-structured manner;

To ensure that all policies are being carried out effectively;

To ensure the maintenance of an effective pastoral care system for students;

To ensure that members of the Senior Management Team are regularly assigned focus areas for the better implementation of the school policies and development plan;

To supervise the academic and pedagogical quality of teaching and learning;

Performing any other duties as deemed appropriate by the Education Directorates;

Performing any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Żvilupp Kurrikulari

Flimkien mat-Tim ta' Tmexxija u l-għalliema u b'konsultazzjoni mal-uffiċjali konċernati tad-DKSE u tad-DSE skont il-każ, jiġu deċiżi strateġiji għall-implimentazzjoni effettiva tal-Kurrikulu Nazzjonali, li jinkludu strateġiji tat-tagħlim, l-użu ta' riżorsi u servizzi edukattivi, l-għażla ta' kotba, eċċ.;

Jinġiebu fis-seħħ mekkaniżmi ta' assigurazzjoni ta' kwalità li jżommu *standards* għolja ta' tagħlim fl-iskejjel;

Jitmexxa 'l quddiem kurrikulu aktar għani permezz ta' attivitajiet organizzati sew ġewwa kif ukoll barra l-iskola;

Jiġi żgurat li l-kurrikulu jinkludi attivitajiet ħolistiċi ta' tagħlim li jħaddnu d-diversi talenti u modi ta' tagħlim, abilitajiet u potenzjali tal-istudenti kollha fl-iskola, u li jagħmlu użu sew mir-riżorsi tal-komunità tal-lokal kif ukoll dawk ta' organizzazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali;

Jiġu motivati u ssapportjati kull kategorija ta' *staff* bil-għan li jitmexxew 'l quddiem l-opportunitajiet ta' edukazzjoni tul il-ħajja, inkluż żvilupp u promozzjoni fil-karriera.

Curriculum Development

Together with the Senior Management Team and teachers and in consultation with the relevant personnel in the DQSE and DES, as appropriate, to determine strategies for the effective implementation of the National Curriculum, such as teaching and learning strategies, the use of educational resources and services, the selection of textbooks, etc;

To implement quality assurance mechanisms that maintain high standards of teaching and learning in the school;

To promote the enrichment of the curriculum through activities organised within and outside school;

To ensure that the curriculum includes holistic learning activities that take into account the diverse talents and learning modes, abilities and potential of all students in the school, and into the resources of the local community as well as those of national, European and international organisations;

To motivate and support all categories of staff with the objective of pursuing lifelong learning opportunities, including career development and progression.

Faċilitajiet għall-Istudent

Jiġi faċilitat provvediment effettiv tas-servizzi psiko-soċjali u ta' kura pastorali għall-istudent;

Tinġieb fis-seħħ *referal policy* effettiva u proċeduri għall-istudenti li jeħtieġu servizzi speċjalizzati;

Jiġu żviluppati u sostnuti proċeduri li jiffaċilitaw it-transizzjoni tal-istudent lejn u għall-iskola;

Titmexxa 'l quddiem *policy* ta' skola inklussiva;

Jitrawwem ambjent ta' sigurtà fl-iskola;

Titmexxa 'l quddiem politika effettiva ta' parteċipazzjoni tal-istudent.

Student Matters

To facilitate the provision of effective psycho-social services and the effective delivery of pastoral care services for students;

To implement an effective referral policy and procedures for students requiring specialised services;

To develop and sustain procedures to facilitate the transition of students coming to and leaving school;

To promote an inclusive school policy;

To facilitate and nurture a safe school environment;

To promote an effective student participation policy.

Personal Edukattiv

Jitrawwem u jissaħħaħ l-iżvilupp tat-tim professjonali tal-iskola li jwassal għall-parteċipazzjoni attiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet, għal azzjoni sussegwenti f'waqtha u jitħaffef l-eżerċizzju ta' awto evalwazzjoni tal-iskola;

Tingħata l-opportunità lill-assistenti kapijiet f'diversi rwoli u xogħol ta' tmexxija; titmexxa l-*induction* ta' personal ġdid u jiġu xprunati, imwieżna, żviluppati, immonitorjati u evalwati u jingħata *mentoring* lill-istaff professjonali u staff ieħor;

Tiggwida l-proċessi tal-immaniġġar, li jinkludi l-*Performance Management Programme*, sabiex ikunu żgurati l-kwalità u l-i*standards* akkademiċi u pedagoġiċi tat-tagħlim;

Isir *mentoring* u jamministraw personal ieħor li jappartjeni lill-iskola sew fuq bażi permanenti kif ukoll temporanju, sabiex ikun żgurat livell għoli ta' motivazzjoni u kwalità tas-servizz;

Tkun integrata l-perspettiva tal-ġeneru fil-programmi u l-inizjattivi tal-iskola.

Teaching Personnel

To nurture the development and maintenance of the professional school team leading to active participation in decision-making, and take timely follow-up action and facilitate school self-evaluation exercises;

To expose the Assistant Heads to the various roles and tasks of headship; directing the induction of new staff and motivating, supporting, developing, monitoring, acting as mentor, and appraising professional and non-professional staff;

To guide management processes, including Performance Management Programmes, to ensure academic and pedagogical quality assurance and standards of teaching and learning;

To manage and mentor other personnel attached to the school on a permanent or temporary basis in order to ensure a high level of motivation and of quality service;

To ensure that the gender perspective is integrated in school programmes and initiatives.

Rabta bejn id-Dar, l-Iskola u l-Komunità

Jinħolqu u jitmexxew 'il quddiem kuntatti mal-komunità tal-lokal u l-organizzazzjonijiet tagħha;

Jitmexxa 'l quddiem l-involviment bikri tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv ta' wliedhom, filwaqt li tingħata direzzjoni ċara lill-istaff li tinkoraġġihom biex ifittxu modi effettivi sabiex ikattru l-involviment tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv u fl-attivitajiet kurrikulari tal-istudenti;

Il-ġenituri/tuturi jiġu mħeġġa sabiex jinvolvu ruħhom f'opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja li jwasslu għal żvilupp personali filwaqt li jippromwovu l-involviment tagħhom fil-ħajja komunitarja tal-iskola;

Il-ġenituri jiġu mħeġġa sabiex isiru aktar konxji dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-ġid u l-benesseri ta' wliedhom u jiġi żgurat li huma josservaw bis-sħiħ ir-regolamenti tal-iskola kif ukoll dawk relatati mal-puntwalità sew fil-bidu kif ukoll fit-tmiem tal-ġurnata tal-iskola.

Amministrazzjoni

Flimkien mal-Assistenti Kapijiet, isir eżerċizzju annwali tal-klassifikazzjoni tal-iskola fejn ikun żgurat il-preparazzjoni tat-*timetables*, l-assenjar ta' klassijiet, ta' suġġetti u ta' responsabbiltajiet lill-għalliema;

Ikun żgurat li d-doveri u x-xogħol ta' għalliema assenti jkun kopert u mqassam b'mod ekwu bejn l-għalliema kollha fl-iskola;

Ikun żgurat li l-istatistika tal-iskola kif ukoll ir-*records* tal-istudenti u l-istaff ikunu kompilati u jinżammu aġġornati;

Ikun żgurat il-provvediment ta' sistema funzjonali tar-*records* u ta' *filing* kif ukoll is-sottomissjoni f'waqtha ta' data u informazzjoni mitluba minn entitajiet regolatorji, mill-Bord tal-Kulleġġ u entitajiet oħra awtorizzati;

B'kollaborazzjoni mal-aġenziji u uffiċjali kkonċernati, jiġi żgurat li l-bini, il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-iskola, kif ukoll l-indafa u t-tisbiħ tal-ambjent tal-iskola, ikunu miżmuma kif xieraq;

Bl-għajnuna tar-riżorsi umani disponibbli, jiġi żgurat li l-inventarji jkunu kkumpilati u miżmuma skont regolamenti preskritti, u li jkun hemm immaniġġar effiċjenti ta' *stores*/apparat, għamara u riżorsi materjali oħra;

Ikun żgurat li kotba, servizzi u ħtiġiet tal-iskola jkunu ordnati f'waqthom;

Ikun żgurat trasport tal-iskola adekwat billi tingħata l-informazzjoni meħtieġa;

Ikun hemm parteċipazzjoni fi proġetti tal-Unjoni Ewropea u proġetti oħra skont il-miri tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Iskola.

Finanzi

Bl-għajnuna ta' uffiċjali kompetenti tad-Direttorati u l-Kulleġġ jitħejjew l-estimi kapitali u rikorrenti tal-iskola fil-parametri u l-prijoritajiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti u l-Bord tal-Kulleġġ waqt li jingħata s-sehem fit-tħejjija tal-pjan ta' ħidma ta' tliet snin tal-Kulleġġ;

Home-School-Community Links

To create and promote links with the local community and its organisations;

To encourage and foster early parental involvement in children's educational development; while providing staff with a clear direction, encouraging them to seek effective ways of enhancing parental involvement in students' educational development and curricular activities;

To encourage parents/guardians to engage in lifelong learning opportunities leading to personal development whilst promoting enhanced involvement in the school community life;

To encourage parents to increasingly become aware of their responsibilities towards their children's well-being and welfare and ensure that they strictly observe the school's rules and regulations, including those related to punctuality both at the beginning and at the end of the school day.

Administration

Together with the Assistant Head/s, to carry out the annual school classification exercise and ensuring the preparation of timetables, assigning of classes, subjects and responsibilities to teachers;

To ensure that the duty of providing cover for absent teachers is shared equitably among all teachers in the school;

To ensure the compilation and upkeep of school statistics, as well as student and staff records;

To ensure the provision of a functional record keeping and filing system and the timely and correct submission of data and information requested by the regulatory bodies, the College Board and other authorised entities;

In collaboration with the relevant agencies and officials, to ensure the proper maintenance and servicing of the school building, facilities and equipment, as well as the cleanliness and the embellishment of the school environment;

With the assistance of available human resources, to ensure the compilation of an inventory according to prescribed regulations, as well as the efficient management of stores/apparatus, furniture and other material resources;

To ensure the timely requisition of utilities and textbooks;

To provide necessary information to ensure adequate school transport;

To take part in EU projects and other projects in accordance with SDP targets.

Finance

With the assistance of competent officials from the Directorates and College to prepare the capital and recurrent school budget estimates within the parameters and priorities set by the competent authority and the College Board, whilst contributing to the preparation of the three-year College business plans;

Taħt id-direzzjoni u l-gwida tad–DSE jkun żgurat l-immaniġġar effettiv u l-kontroll tal-fondi skont regolamenti finanzjarji Governattivi stabbiliti u li tinżamm rekord tat-tranżazzjonijiet kollha skont il-prattika stabbilita.

3.3 Fil-qadi tad-dmirijiet u l-funzjonijiet huwa mistenni mill-Kap ta' *Resource Centre* li jiżviluppa l-għarfien, il-kompetenzi u l-ħiliet neċessarji sabiex juża b'mod effettiv it-teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni.

3.4 Kap ta' *Resource Centre* ikun megħjun, imħeġġeġ u ggwidat permezz ta' proċess ta' *induction* u *mentoring* tul is-sena ta' prova u fi kwalunkwe żmien ieħor li l-awtorità konċernata jidhrilha xieraq. Il-parteċipazzjoni fil-proċess ta' *induction* jagħmel parti integrali mill-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' Kap ta' *Resource Centre*. Il-proċess ta' *induction* jista' jsir barra l-ħin tax-xogħol u ġeneralment jinfirex matul is-sena ta' prova.

4.1 Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; JEW

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; JEW

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewoprea u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; JEW

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewoprea u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; JEW

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-Regolament Nru. 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolament Nru. 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Under the direction and guidance of the DES, to ensure the effective management and control of funds according to established Government financial regulations and the recording of all transactions according to established practice.

3.3 In the carrying out of his/her duties and functions, a Head of Resource Centre shall be expected to develop the necessary knowledge, competences and skills to be able to make effective use of Information and Communication Technology.

3.4 A Head of Resource Centre shall be supported, encouraged and guided by a process of induction and mentoring during the period of probation and at any other time when superiors may deem necessary. Participation in an induction process shall be an integral condition of employment for a Head of Resource Centre and such an induction programme may be held outside school hours. The induction process generally spans the probation year.

4.1 Eligibility Requirements

4.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; OR

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; OR

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; OR

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); OR

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintlab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi konsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) Assistent Kap ta' Skola jew Kap tad-Dipartiment, *Inclusive Education Coordinator* (INCO), jew *School Counsellor* li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fl-edukazzjoni speċjali u inklussiva jew qasam relatat;

(iv) fil-pussess ta' *Warrant* Permanenti ta' għalliem/a; U

(a) b'tal-anqas erba' (4) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fi skejjel speċjali u/jew *Resource Centres*; JEW

(b) b'anqas minn erba' (4) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim iżda aktar minn sena (1) skolastika esperjenza ta' tagħlim fl-edukazzjoni speċjali.

Bil-kundizzjoni li kandidati b'anqas minn erba' (4) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fl-edukazzjoni speċjali jkunu kkunsidrati biss biex jimlew il-post ta' Kap ta' *Resource Centre* fin-nuqqas ta' kandidati li jkunu eliġibbli u/jew kandidati adatti b'minimu ta' erba' (4) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fi skejjel speċjali u/jew *Resource Centres*;

(v) fin-nuqqas ta' applikazzjonijiet minn Assistenti Kapijiet ta' Skola, *Inclusive Education Coordinators* (INCOs), Kapijiet ta' Dipartiment, jew *School Counsellors,* l-eliġibbiltà tista' tkun estiża għal għalliema li għandhom *Warrant* ta' Għalliem skont it-termini tal-artiklu 24 tal-Att XIII tal-2006 (Permanenti), li għandhom kwalifika relevanti fl-edukazzjoni speċjali u/jew fl-edukazzjoni inklussiva rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti, u għaxar (10) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim, fejn ħamsa (5) minnhom iridu jkunu f'*Resource Centres*.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) Assistant Head of School or Head of Department or Inclusive Education Coordinator (INCO) or School Counsellor who are in possession of a recognised qualification in special and/or inclusive education or a related area;

(iv) in possession of a Permanent Teacher's Warrant; AND

(a) have at least four (4) scholastic years teaching experience in special schools and/or Resource Centres; OR

(b) have less than four (4) scholastic years teaching experience but more than one (1) scholastic year teaching experience in special education.

Provided that applicants with less than four (4) scholastic years teaching experience in special education shall only be considered for the filling of a vacancy of a Head of Resource Centre in the absence of eligible and/or suitable candidates with a minimum of four (4) scholastic years of teaching experience in Special Schools and/or Resource Centres.

(v) In the absence of applications from Assistant Heads of School, Inclusive Education Coordinators (INCOs), Heads of Department, or School Counsellors, eligibility may be extended to Teachers in possession of a Teacher's Warrant issued in terms of Article 24 of Act XIII of 2006 (Permanent), who are in possession of a relevant qualification in special education and/or inclusive education recognised by the competent authorities, and ten (10) scholastic years teaching experience, five (5) of which must be in Resource Centres.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(vi) ikunu ta' karattru morali tajjeb. Applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* GP 47 riċenti (https://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/GP47.pdf); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji.

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti f'paragrafu 4.1 hawn fuq, huma fil-pussess, jew għandhom l-approvazzjoni għall-għoti, ta' *Diploma in Educational Leadership, Administration and Management* jew ogħla, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli maħruġa minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti u li minbarra li għandhom esperjenza ta' xogħol ippruvata u relevanti.

4.3 L-applikanti għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link f'paragrafu 8.1 aktar 'l isfel).

5.0 Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li persuna tindika li għandha, iridu jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż (*Diploma*/*Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.3 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.0 Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

6.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tintbagħat bil-posta l-lista ta' mertu lill-applikanti kkonċernati.

7.0 Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form GP 47* riċenti (https://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/GP47.pdf) aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jintlaqgħu mit-

(vi) of good moral character. Applicants who are already in the Malta Public Service must produce a recent Service and Leave Record Form GP 47 (https://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/GP47.pdf); those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.2 Due consideration will also be given to applicants who, in addition to satisfying the requirements in paragraph 4.1 above, are in possession, or have been approved for the award, of a Diploma in Educational Leadership, Administration and Management, or higher, or a recognised appropriate comparable qualification, issued by an institution of higher education duly recognised by the competent authorities, and who have documented evidence of any relevant work experience.

4.3 Applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link in section 8.1 below).

5.0 Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and/or experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript in English (Diploma/Certificate supplement), showing the qualification obtained and the final classification. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.0 Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

6.2 The merit list will be sent by post to the applicants concerned by the Public Service Commission.

7.0 Submission of Applications

7.1 Applications, together with an updated Service and Leave Record Form GP 47 (https://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/GP47.pdf) in the case of Public Officers, and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received

Taqsima tal-*Customer Care*, Triq L-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, VCT 2000 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru 2014. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel. Applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.0 Dispożizzjonijiet Ġenerali

8.1 Dispożizzjonijiet ġenerali dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat; (mhux applikabbli fid-dawl ta' paragrafu 6.2 imsemmi hawn fuq);
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati,

jinstabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mit-Taqsima tal-*Customer Care,* Triq L-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, VCT 2000. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* huwa + 356 2598 2264.

Is-7 ta' Novembru, 2014

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' *Childcare Assistant*
University of Malta Childcare Services

L-Università ta' Malta tipprovdi servizzi ta' kura tat-tfal f'żewġ ċentri: 'It-Tajra' li jinsab fuq il-kampus u 'Ilwien' li jinsab fil-Junior College. Tipprovdi wkoll "*Kids fuq Campus*" Skola Sajf matul ix-xhur tas-sajf.

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post *full-time* ta' *Childcare Assistent*. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-*Manager, Childcare Services*. Min jinħatar jaħdem

in the first instance by the Customer Care Section, Triq L-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo VCT 2000, by not later than noon (Central European Time) of Thursday 27 November 2014. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date.

8.0 General Provisions

8.1 General provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result; (not applicable in view of paragraph 6.2 above);
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details,

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359 or may be obtained from Customer Care Section, Triq L-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo VCT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number is + 356 2598 2264.

7th November, 2014

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Childcare Assistant
University of Malta Childcare Services

The University of Malta provides child care services in two centres: 'It-Tajra' located on campus and 'Ilwien' located at the Junior College. It also provides a 'Kids on Campus' Summer School during the summer months.

Applications are invited for the post of a full time Childcare Assistant. The appointee will be responsible to the Manager, Childcare Services. The successful applicant

f'"It-Tajra" li tinsab fil-Kampus tal-Università jew fl-"Ilwien" li tinsab fil-Junior College, L-Imsida. L-applikanti għandu jkollhom id-*Diploma* BTEC MCAST Nazzjonali fiċ-*Childcare*, jew iċ-ċertifikat tal-*ETC Care* jew kwalifika ekwivalenti akkreditata (livell 4) u Ċertifikat validu tal-Għajnuna Ewwel. Preferenza tingħata lill-applikanti li għandhom esperjenza relevanti preċedenti u li ħadmu f'ċentru tal-kura tat-tfal.

Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' €13,047 b'żidiet ta' €298 fis-sena sa massimu ta' €14,835. Wara ħames snin ta' ħidma sodisfaċenti f'dan il-grad, min jinħatar ikun intitolat li jgħaddi għat-tarġa li jmiss fl-iskala tas-salarju b'żidiet ta' €317 fis-sena sa massimu ta' €15,818. Wara ħames snin oħra ta' ħidma sodisfaċenti f'dan il-grad min jinħatar ikun intitolat li jgħaddi għat-tarġa li jmiss fl-iskala tas-salaru b'żidiet ta' €335 fis-sena sa massimu ta' €16,851.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni b'*e-mail* lil (recruitment.hrmd@um.edu.mt), flimkien ma' kopja tal-*curriculum vitae*, u kopja waħda ta' ċertifikati.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar mill-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2014.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Is-7 ta' Novembru, 2014

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Statut Emendat

Ordni Nru. 16

Ngħarrfu b'dan illi l-istatut ta' "Koperattiva Għawdxija tal-Bizzilla u Artiġjanat Limitata", ġie aġġornat u konformi mal-Liġi tal-Koperattivi, Att Numru XXX tal-2001.

Il-Bord tal-Koperattivi approva dan l-istatut fl-10 ta' Ottubru, 2014.

Ms Frances Mifsud
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

L-10 ta' Ottubru, 2014
CB 34/79/47

will work at "It-Tajra" located on the Campus of the Main University or at the 'Ilwien' located at the Junior College, Msida. Applicants must be in possession of the BTEC MCAST National Diploma in Childcare, or the ETC Care certificate or an equivalent accredited (level 4) qualification and a valid First Aid Certificate. Due preference will be give to applicants who have previous relevant experience working in a childcare centre.

The post carries an annual salary of €13,047 rising by annual increments of €298 up to a maximum of €14,835. On completion of five years service in the grade, the appointee will, on satisfactory performance, be entitled to move on to the next salary band with annual increments of €317 up to a maximum of €15,818. After a further period of five years, the appointee will on satisfactory performance be entitled to move on to the next band with annual increments of €335 up to a maximum of €16,851.

Applicants should submit their letter of application by e-mail to (recruitment.hrmd@um.edu.mt), together with a copy of their curriculum vitae, certificates and a police conduct certificate.

Applications should be received by Wednesday, 19th November, 2014.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacanies).

7th November, 2014

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Amended Statute

Order No. 16

It is hereby notified that the statute of "Koperattiva Għawdxija tal-Bizzilla u Artiġjanat Limitata", has been updated and is in conformity with the Co-operatives' Law, Act Number XXX of 2001.

The Co-operatives Board has approved the statute on the 10th October, 2014.

Ms Frances Mifsud
Chairperson
Co-operatives Board

10th October, 2014

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

***Policy* għall-kumplessi tal-kmamar tan-nar**

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tgħarraf li ppreparat proċess ta' *screening* dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali dwar il-*Policy* għall-kumplessi tal-kmamar tan-nar u ġie konkluż li m'hemmx bżonn ta' *screening* ambjentali strateġiku skont l-Avviż Legali 497 tal-2010.

Il-*Policy* dwar il-kumplessi għall-kmamar tan-nar u d-dokument tal-*screening* jinsabu disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-MEPA.

Is-7 ta' Novembru, 2014

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Fireworks Factory Complex Policy

The Malta Environment and Planning Authority notifies that it has prepared a Strategic Environment Assessment screening process on the Fireworks Factory Complex Policy and it was concluded that no SEA is required, as per L.N. 497 of 2010.

The Fireworks Factory Complex Policy and the screening document may be downloaded from the MEPA website.

7th November, 2014

FORZI ARMATI TA' MALTA

Taħriġ ta' Sparar Attiv f'Pembroke Ranges

Il-Forzi Armati ta' Malta jgħarrfu li se jwettqu taħriġ ta' sparar attiv minn Pembroke Ranges fid-dati li ġejjin:

Is-Sibt 8 ta' Novembru 2014 mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. (LT)
Is-Sibt 22 ta' Novembru 2014 mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. (LT)
Is-Sibt 29 ta' Novembru 2014 mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. (LT)

2. L-entitajiet kollha huma informati li l-FAM se jattivaw LMD-6 Pembroke low, iż-żona ta' 4 mili nawtiċi biċ-ċentru 355554N 0142832E mal-punti li ġejjin 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

3. Il-bastimenti kollha għandhom iżommu erba' mili (4 NM) bogħod mix-xatt ta' Pembroke waqt id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

4. Għandhom jittajru bnadar ħomor fil-limiti tar-*ranges* konċernati fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

5. MATS għandhom jattivaw LMD 06 'Pembroke low' waqt il-ħinijiet imsemmija.

Is-7 ta' Novembru, 2014

ARMED FORCES OF MALTA

Live Firing Practice - Pembroke Ranges

The Armed Forces of Malta notifies that a live firing practice will be taking place at Pembroke Ranges on the following dates:

Saturday 8th November 2014 from 7.00 a.m. - 4.00 p.m. (LT)
Saturday 22th November 2014 from 7.00 a.m. - 4.00 p.m. (LT)
Saturday 29th November 2014 from 7.00 a.m. - 4.00 p.m. (LT)

2. The attention of all entities concerned is drawn to the fact that the AFM will be activating LMD-6 Pembroke low, an area with 4 NM radius centred 355554N 0142832E joining the following points 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

3. All vessels are to keep four nautical miles (4 NM) off Pembroke coast during the above dates and times.

4. Red marker flags, indicating that the ranges are in use will be flown on the dates and times in caption from the limits of the ranges concerned.

5. MATS is to activate LMD 06 "Pembroke low" during the above times.

7th November, 2014

DIPARTIMENT TAL-LOTTU PUBBLIKU

Lotterija tal-Irċevuti Fiskali

Id-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku jgħarraf illi t-tlugħ li jmiss tal-Lotterija tal-Irċevuti Fiskali se jsir nhar it-Tnejn, 17 ta' Novembru, 2014 fit-8.30 a.m. fid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku, Il-Furjana.

Is-7 ta' Novembru, 2014

KUNSILL LOKALI BORMLA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa pubblika annwali għar-residenti ta' Bormla nhar l-Erbgħa, 26 ta' Novembru, 2014, fis-6.30 p.m. fil-Bini tal-Kunsill Lokali, Bormla, 2A, The Rest, Misraħ Santa Margerita, Bormla.

Il-persuni kollha li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali Bormla huma mħeġġa biex jattendu.

Is-7 ta' Novembru, 2014

KUNSILL LOKALI FLORIANA

Postijiet ta' Parkeġġi Riservati

Il-Kunsill Lokali Floriana jgħarraf illi:

Nhar l-Erbgħa, 19 ta' Novembru, 2014, bejn is-6.00 a.m. u s-7.00 p.m. fi Triq San Publju se jkun hemm sitt (6) postijiet tal-parkeġġ riservati l-ġurnata kollha.

Nhar l-Erbgħa, 10 ta' Diċembru, 2014 bejn is-6.00 a.m. u s-7.00 p.m. fi Triq San Publju se jkun hemm erba' (4) postijiet tal-parkeġġi riservati l-ġurnata kollha.

Vetturi li jiksru dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Novembru, 2014

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf li offerti elettroniċi rigward dawn l-avviżi se jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-ĦAMIS, it-18 ta' Diċembru, 2014, għal:

PUBLIC LOTTO DEPARTMENT

Fiscal Receipts Lottery

The Department of Public Lotto notifies that the coming draw of the Fiscal Receipts Lottery will be held on Monday, 17th November, 2014 at 8.30 a.m. at the premises of the Public Lotto Department in Floriana.

7th November, 2014

BORMLA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 of the Local Council Act (Cap. 363), an annual locality meeting is going to be held on Wednesday, 26th November, 2014, at 6.30 p.m. at the Bormla Local Council, 2A, The Rest, Misraħ Santa Margerita, Bormla.

All persons whose name appears on the Bormla Local Council's electoral register are invited to attend.

7th November, 2014

FLORIANA LOCAL COUNCIL

Reserved Parking Spaces

The Floriana Local Council notifies that:

On Wednesday, 19th November, 2014, from 6.00 a.m. till 7.00 p.m. there will be six (6) reserved parking spaces in Triq San Publju all day.

On Wednesday, 10th December, 2014, from 6.00 a.m. till 7.00 p.m. there will be four (4) reserved parking spaces in Triq San Publju all day.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

7th November, 2014

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that electronic tenders in respect of the following notices will be received on the day and date indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. of THURSDAY, 18th December, 2014, for:

CT 2061/2013. Bażi ta' kuntratt għall-kiri ta' makkinarji varji inkluż l-operat tagħhom biex jintużaw fil-*landfill* tal-Għallis.

CT 2180/2014. Provvista u installazzjoni ta' għamara magħmula b'materjal li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent għall-estensjoni tal-bini tal MAKS fl-Università ta' Malta.

CT 2183/2014. Servizz ta' abbozzar tan-*National Risk Assessment* - Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

CT 2188/2014. Provvista ta' b*eclometasone Dipropionate 250 micrograms Inhaler* – Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa – CPSU.

CT 2190/2014. Provvista ta' *Bosentan 125mg tablets* – Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa – CPSU.

CT 2191/2014. Provvista ta' *Perindopril 4mg tablets* – Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa – CPSU.

CT 2192/2014. Provvista ta' *Fluvastatin Tablets or Capsules* – Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa – CPSU.

CT 2193/2014. Supply of *Enalapril 20mg tablets* – Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa – CPSU.

CT 2194/2014. Provvista ta' *Glyceryl Trinitrate 5mg Patches* – Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa – CPSU.

Is-7 ta' Novembru, 2014

DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf li:

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, it-13 ta' Novembru, 2014.

Avviż Nru. 103 Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli tal-Fond Nru. 121, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2010_992_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*Bid-Bond* għall-ammont ta' €1,500 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 104. Bejgħ ta' sit fi Triq Manuel Magri, In-Naxxar, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 2 fuq pjanta P.D.2012_262. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati

CT 2061/2013. Framework contract for the hire of various machinery including operation to be used at the Għallis landfill.

CT 2180/2014. Supply, delivery and installation of office furniture produced with environmentally friendly materials and processes for the MAKS building extension at the University of Malta.

CT 2183/2014. Services of drafting of a National Risk Assessment - Civil Protection Department

CT 2188/2014. Supply of Beclometasone Dipropionate 250 micrograms Inhaler – Ministry for Energy and Health – CPSU.

CT 2190/2014. Supply of Bosentan 125mg tablets – Ministry for Energy and Health – CPSU.

CT 2191/2014. Supply of Perindopril 4mg tablets – Ministry for Energy and Health – CPSU.

CT 2192/2014 – Supply of Fluvastatin Tablets or Capsules – Ministry for Energy and Health – CPSU.

CT 2193/2014. Supply of Enalapril 20mg tablets – Ministry for Energy and Health – CPSU.

CT 2194/2014. Supply of Glyceryl Trinitrate 5mg Patches – Ministry for Energy and Health – CPSU.

7th November, 2014

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. of Thursday, 13th November, 2014.

Advt. No. 103. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Premises No. 121, Triq l-Arċisqof, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2010_992_A. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,500 as stipulated in the tender conditions.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 104. Sale of a site in Triq Manuel Magri, Naxxar, shown edged in red and marked No. 2 on plan P.D.2012_262. This tender is subject to a right of first refusal. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond

b'*Bid-Bond* għall-ammont ta' €2,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 105. Bejgħ ta' sit viċin Triq Manuel Magri, In-Naxxar, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 3 fuq pjanta P.D.2012_262. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*Bid-Bond* għall-ammont ta' €250 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 106. Bejgħ ta' sit viċin Triq Manuel Magri, In-Naxxar, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 4 fuq pjanta P.D.2012_262. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*Bid-Bond* għall-ammont ta' €250 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 107. Bejgħ ta' sit f'Ta' Mrejnu, limiti tal-Imġarr, Malta, muri bl-aħmar u mmarkat A fuq pjanta P.D.2010_143. Dan is-sit hu soġġett għal servitu' eżistenti ta' terzi. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*Bid-Bond* għall-ammont ta' €5,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u tmenin elf ewro (€82,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 108. Għotja b'ċens temporanju, għal perjodu li jintemm fil-21 ta' Diċembru, 2046, ta' sit fi Triq Arnhem, Pembroke, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2014_666. Dan is-sit jintuża għall-faċilitajiet relatati mal-isport. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*Bid-Bond* għall-ammont ta' €2,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m.

Is-7 ta' Novembru, 2014

for an amount of €2,000 as stipulated in the tender conditions.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 105. Sale of a site off Triq Manuel Magri, Naxxar, shown edged in red and marked No. 3 on plan P.D.2012_262. This tender is subject to a right of first refusal. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €250 as stipulated in the tender conditions.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 106. Sale of a site off Triq Manuel Magri, Naxxar, shown edged in red and marked No. 4 on plan P.D.2012_262. This tender is subject to a right of first refusal. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €250 as stipulated in the tender conditions.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 107. Sale of a site at Ta' Mrejnu, limits of Mgarr, Malta, shown edged in red and marked A on plan P.D. 2010_143. This site is subject to existing third party servitudes. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eighty two thousand Euro (€82,000) will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 108. Grant on a temporary emphyteusis, for a period to expire on the 21st December, 2046, of a site in Triq Arnhem, Pembroke, shown edged in red on plan P.D.2014_666. This site is to be used for sports related facilities. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €2,000 as stipulated in the tender conditions.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m.

7th November, 2014

MINISTERU GĦAT-TRASPORT
U L-INFRASTRUTTURA

Id-Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura jgħarraf li:

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, il-11 ta' Novembru, 2014, id-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti/ kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. 51/2014. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' diversi tipi ta' ingwanti protettivi lill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Avviż Nru. 93/2014. Disinn, provvista, installazzjoni, ikkummissjunar u manutenzjoni ta' funtana tal-ilma baħar f'Dock Nru. 1, Bormla.

Irid jitħallas dritt ta' €20 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-14 ta' Novembru, 2014, id-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti/ kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Avviż Nru. 94/2014 Disinn u installazzjoni ta' sistema ta' *floodlighting* fil-Kumpless tal-*Water Polo* ta' Birżebbuġa.

Avviż Nru. 95/2014. Provvediment ta' servizzi ta' tindif b'mod li jħares 'l-ambjent fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura (Blokk B) u Project House, Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, Il-Furjana.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Avviż Nru. 98/2014. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' ilma tat-tieni klassi għall-Foss tal-Imdina biex jintuża mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura

Kwot. Nru. 52/2014. Servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku għall-proġett ta' titjib tal-Knisja Parrokkjali tal-Gudja.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, it-18 ta' Novembru, 2014, id-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. 96/2014. Xogħlijiet ta' pavimentar fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor Il-Kbir, Tas-Sliema.

Il-ħlas ta' parteċipazzjoni huwa ta' €20

MINISTRY FOR TRANSPORT
AND INFRASTRUCTURE

The Director General, Works and Infrastructure Department, notifies that:

Sealed tenders/quotations will be received at the Procurement and Supplies Directorate Support and Services Department, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 11th November, 2014 for:

Quot. No. 51/2014. Period contract for the supply and delivery of various types of protective gloves to the Minsitry for Trasnport and Infrastructure.

Relative documents may be obtained free of charge.

Advt. No. 93/2014. Design, supply, installation, commissioning and maintenance of a sea water fountain at Dock No. 1, Cospicua.

A fee of €20 will be charged for each copy of tender document.

Sealed tenders/quotations will be received at the Procurement and Supplies Directorate, Support and Services Department, Floriana up to 10.00 a.m. on Friday, 14th November, 2014 for:

Advt. No. 94/2014. Design and installation of a floodlighting system at Birżebbuġa Water Polo Complex.

Advt. No. 95/2014. Provision of environmentally friendly cleaning services at the Ministry for Transport and Infrastructure (Block B) and Project House, Ministry for Transport and Infrastructure, Floriana.

Relative documents may be obtained free of charge.

Advt No. 98/2014. Period contract for the supply and delivery to Mdina Ditch of second class water to be used by the Ministry for Transport and Infrastructure

Quot. No. 52/2014. Archaeological monitoring services at the project for the upgrading of the Gudja Parish Church.

Relative documents may be obtained free of charge.

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Directorate, Support and Services Department, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 18th November, 2014 for:

Advt. No. 96/2014. Paving works at St Gregory The Great Parish Church, Tas-Sliema.

The participation fee is €20

Avviż Nru. 97/2014. Tikħil, żebgħa u provvista u tqegħid ta' madum tal-art taċ-ċeramika *gres* fil-Bini tal-Ħaddiema tal-Port, Il-Marsa, b'mod li jiġi mħares 'l-ambjent.

Il-ħlas ta' parteċipazzjoni huwa ta' €20

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, il-21 ta' Novembru, 2014, fid-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

*Avviż Nru. 100/2014. Xogħlijiet ta' rinnovar komplut b'mod li jħares 'l-ambjent fil-latrini pubbliċi fil-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, Il-Belt Valletta

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, il-25 ta' Novembru, 2014, fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement*, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. 99/2014. Kuntratt perjodiku għall-kiri ta' *excavator crane* (20-30 tunnellata) biex jintuża mit-Taqsima Marittima (*MSWVM Unit*).

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, il-25 ta' Novembru, 2014 fid-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

*Kwot. Nru. 53/2014. Provvista u konsenja ta' dwal tat-toroq dekorattivi fil-*Promenade* tax-Xemxija

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

*Kwotazzjoni/Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti relevanti jinkisbu wara li jsir il-ħlas indikat hawn fuq, mill-*Cash Office*, Dipartiment tas-Sapport u Servizzi, Blokk 'A', Il-Furjana, fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mid-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti tal-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura (*Cash Office* tel: 2292 7455).

Is-sottomissjoni tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jsiru bejn it-8.00 a.m. u t-3.30 p.m.

Kopja tad-dokumenti tal-offerta jinkisbu mis-sit tal-Ministeru: (http://www.mti.gov.mt).

Is-7 ta' Novembru, 2014

Advt. No. 97/2014. Plastering, painting and the supply and laying of gres ceramic floor tiles at Port Workers Building, Marsa in an environmentally friendly manner.

The participation fee is €20

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Directorate, Support and Services Department, Floriana up to 10.00 a.m. on Friday, 21st November, 2014 for:

*Advt. No. 100/2014. Complete refurbishment works in an environmental friendly manner at the Upper Barrakka Gardens Public Convenience, Valletta.

Relative documents may be obtained free of charge.

Sealed tenders will be received at the Contracts and Procurement Section, Support and Services Department, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 25th November, 2014 for:

Advt. No. 99/2014. Period contract for the hire of excavator crane (20-30 tons) for use by the Marine Section (MSWVM Unit).

Relative documents may be obtained free of charge.

Sealed quotations will be received at the Procurement and Supplies Directorate, Support and Services Department, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 25th November, 2014 for:

*Quot. No. 53/2014. Supply and delivery of decorative lamp-posts for Xemxija Promenade.

Relative documents may be obtained free of charge.

*Quotation/Advertisement appearing for the first time

Relevant documents may be obtained, against payment of the indicated fee or otherwise, from the Cash Office, Support and Services Department, Block 'A', Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Procurement and Supplies Directorate of the Ministry for Transport and Infrastructure. (Cash Office tel: 2292 7455).

The submission of tenders/quotations can be done between 8.00 a.m. and 3.30 p.m.

Sample tender documents may be viewed on the Ministry's website: (http://www.mti.gov.mt).

7th November, 2014

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment għas-Sajd u Akwakultura jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-14 ta' Novembru, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin fit-Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti MSDEC, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera għal:

Avviż. Nru. MSDEC 101/2014. Ċertifikazzjoni ta' żewġ vinċijiet fil-*Hardstanding Facility* f'Marsaxlokk.

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera fil-jiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar sal-iskadenza jew jinkisbu mis-sit tal-Ministeru (www.msdec.gov.mt).

Is-7 ta' Novembru, 2014

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttorat tal-Agrikoltura jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-28 ta' Novembru, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin fit-Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti MSDEC, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera għal:

*Avviż. Nru. MSDEC 106/2014. Provvista ta' *banderoles* għaċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-inbid għal perjodu ta' sena

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera fil-jiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar sal-iskadenza jew jinkisbu mis-sit tal-Ministeru (www.msdec.gov.mt).

Is-7 ta' Novembru, 2014

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttorat tal-PARK fi ħdan id-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, il-25 ta' Novembru, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin fit-Taqsima tal-*Procurement*

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Fisheries and Acquaculture Department notifies that:

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices, No. 6, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera SVR 1301, up to 10.00 a.m. of Friday, 14th November 2014, for:

Advt. No. MSDEC 101/2014. Certification of two hoists at the Hardstanding Facility in Marsaxlokk.

Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices No. 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera SVR 1301, on any working day from 8.30 a.m. till noon till closing date or downloaded for the Ministry's website (www.msdec.gov.mt).

7th November, 2014

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Agricultural Directorate notifies that:

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices, No. 6, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera SVR 1301, up to 10.00 a.m. of Friday, 28th November 2014, for:

*Advt. No. MSDEC 106/2014. Supply of banderoles for quality wine certification over a period of one year

*Advertisement appearing for the first time

Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices No. 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera SVR 1301, on any working day from 8.30 a.m. till noon till closing date or downloaded for the Ministry's website (www.msdec.gov.mt).

7th November, 2014

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The PARK Directorate within the Rural Development Department notifies that:

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices,

u Provvisti, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti MSDEC, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera għal:

*Avviż. Nru. MSDEC 107/2014. Provvista u tqegħid ta' *turf* artifiċjali fiż-żona tal-*open gym* fil-Park tal-Familja ta' Marsaskala

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera fil-jiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar sal-iskadenza jew jinkisbu mis-sit tal-Ministeru (www.msdec.gov.mt).

Is-7 ta' Novembru, 2014

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti tgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, it-18 ta' Novembru, 2014, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti MSDEC fit-Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera SVR 1301, għal:

Avviż Nru. MSDEC 102/2014. Titjib ta' kamra għat-tkabbir tal-pjanti u kamra għat-termoterapija għall-pjanti b'materjali li jħarsu 'l-ambjent fiċ-Ċentru għall-Bijoteknoloġija tal-Pjanti, Ħal Lija għall-proġett fuq l-istudju u l-konservazzjoni sostenibbli ta' diversi varjetajiet ta' pjanti lokali.

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera fil-jiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar sad-data tal-għeluq jew jitniżżel mis-sit tal-Ministeru (http://www.msdec.gov.mt).

Is-7 ta' Novembru, 2014

No. 6, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera SVR 1301, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 25th November 2014, for:

*Advt. No. MSDEC 107/2014. Supply and laying of artificial turf at the open gym area at the Marsaskala Family Park

*Advertisement appearing for the first time

Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices No. 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera SVR 1301, on any working day from 8.30 a.m. till noon till closing date or downloaded for the Ministry's website (www.msdec.gov.mt).

7th November, 2014

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE


The Plant Health Directorate notifies that:

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera SVR 1301, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 18th November, 2014 for:

Advt. No. MSDEC 102/2014. Upgrade of a plant growth room and a plant thermotherapy room using environmentally friendly materials at the Plant Biotechnology Centre, Ħal Lija for the project on the study and sustainable conservation of varieties of local plants.

Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera on any working day between 8.30 a.m. and noon till closing date or downloaded from the Ministry's website (http://www.msdec.gov.mt).

7th November, 2014



Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007-2013
Assi 2 - Intejbu l-Ambjent u l-Kampanja
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
Rata ta' ko-finanzjament: 80% Unjoni Ewropea; 20% Gvern ta' Malta
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali



Rural Development Programme for Malta 2007-2013
Axis 2- Improving the Environment and the Countryside
Project part-financed by the European Union
The European Agricultural Fund for Rural Development
Co-financing rate: 80% European Union; 20% Government of Malta
Europe Investing in Rural Areas

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-14 ta' Novembru, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin fl-MSDEC, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fit-Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera għal:

Avviż Nru. MSDEC 99/2014. Provvediment ta' servizzi ta' monitoraġġ għat-tneħħija ta' ħama/ġebel, tneħħija ta' speċi aljeni invasivi u żrigħ ta' siġar għall-Proġett *EU Life Saving* tal-Buskett imwettaq mid-Direttorat tal-P.A.R.K. u Inizjattivi.

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera fil-jiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar jew jitniżżel mis-sit tal-Ministeru (http://www.msdec.gov.mt).

Is-7 ta' Novembru, 2014

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Director General, Rural Development Department notifies that:

Sealed tenders will be received at the MSDEC, Permanent Secretariat Offices, Procurement and Supplies Section, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera, up to 10.00 a.m. on Friday, 14th November, 2014 for:

Advt. No. MSDEC 99/2014. Provision of monitoring services for the removal of silt/boulders, removal of invasive alien species and planting of new trees for the EU Life Saving Buskett Project executed by the P.A.R.K. and Initiatives Directorate.

Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC, Permanent Secretariat, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera on any working day between 8.30 a.m. and noon or downloaded from the Ministry's website (http://www.msdec.gov.mt).

7th November, 2014

Programm EU Life+ 2012
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Programm EU Life+ 2012
Rata ta' ko-finanzjament: 50% Fondi Ewropej; 50% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

EU Life+ Programme 2012
Project part-financed by the European Union
EU Life+ Programme 2012
Co-financing rate: 50% EU Funds; 50% National Funds
Investing in your future

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti tgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, il-21 ta' Novembru, 2014, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti MSDEC fit-Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera SVR 1301, għal:

Avviż Nru. MSDEC 103/2014. Taħriġ teoretiku u prattiku għall-metodi ta' konservazzjoni tal-pjanti, teħid ta' kampjuni ta' żrieragħ, ittestjar tal-kwalità taż-żerriegħa u fuq is-sanità għall-proġett ta' studju u konservazzjoni sostenibbli ta' varjetajiet ta' pjanti lokali

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera f'kull ġurnata

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Plant Health Directorate notifies that:

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera SVR 1301, up to 10.00 a.m. of Friday, 21st November, 2014 for:

Advt. No. MSDEC 103/2014. Theoretical and hands-on training on the conservation methods of plants, on seed sampling/seed quality testing and on the sanitation of plants for the project on the study and sustainable conservation of varieties of local plants


Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera on any

tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar sad-data tal-għeluq jew jitniżżel mis-sit tal-Ministeru (http://www.msdec.gov.mt).

Is-7 ta' Novembru, 2014

working day between 8.30 a.m. and noon till closing date or downloaded from the Ministry's website (http://www.msdec.gov.mt).

7th November, 2014



Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007-2013
Assi 2 - Intejbu l-Ambjent u l-Kampanja
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
Rata ta' ko-finanzjament: 80% Unjoni Ewropea; 20% Gvern ta' Malta
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali



Rural Development Programme for Malta 2007-2013
Axis 2- Improving the Environment and the Countryside
Project part-financed by the European Union
The European Agricultural Fund for Rural Development
Co-financing rate: 80% European Union; 20% Government of Malta
Europe Investing in Rural Areas

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura jgħarraf illi:

